

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

FINALI
A6-0015/2007

29.1.2007

RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' l-UE kontra s-sajd illegali,
mhux iddikjarat u mhux irregolat
(2006/2225 (INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Marie-Hélène Aubert

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	11
PROCĊEDURA	21

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' l-UE kontra s-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat (2006/2225 (INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata “Pjan ta’ azzjoni tal-Komunità biex jinqered is-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat” (COM(2002)0180) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta’ Ġunju 2002 fuq din,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta’ l-20 ta’ Novembru 2002 dwar il-pjan ta’ azzjoni tal-Komunità biex jinqered is-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat¹,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet ta' kull tliet snin tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (CFP) u r-riżoluzzjonijiet korrispondenti tal-Parlament fuq dak is-suġġett,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet annwali tal-Kummissjoni u r-riżoluzzjonijiet rispettivi tal-Parlament dwar aġir li jikser serjament ir-regoli tas-CFP,
 - wara li kkunsidra l-pjan ta’ azzjoni internazzjonali tal-FAO dwar is-sajd IUU u d-dokumenti tekniċi adottati sussegwentement mill-FAO,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li waqqaf Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd², u b'mod partikolari l-Artikolu 3, punt (h) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta’ Diċembru 2001 dwar l-irwol ta’ bnadar ta’ konvenjenza fis-settur tas-sajd³,
 - wara li kkunsidra l-Green Paper bl-isem 'Lejn politika marittima ta' l-Unjoni għall-ġejjieni: viżjoni Ewropea għall-oċeani u l-ibħra' (COM(2006)0275),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta’ Settembru 2006 dwar it-tnedija ta’ dibattitu dwar approċċ Komunitarju għal skemi ta’ ekotikkettar għal prodotti tas-sajd⁴,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0015/2007),
- A. billi s-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat (IUU) huwa problema ewlenija madwar id-dinja, li jikkawża degradazzjoni ambjentali konsiderevoli, li jikkontribwixxi

¹ ĠU C 25 E, 29.1.2004, p. 179.

² ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.

³ ĠU C 177 E, 25.7.2002, p. 324.

⁴ *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0347.

għat-tnaqqis ta' stokkijiet tal-ħut kummerċjali u mhux kummerċjali u ta' speċijiet oħrajn u li jirriżulta f' diffikultajiet għal komunitajiet dipendenti fuq is-sajd għall-għajxien tagħhom kemm fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u kemm f'dawk żviluppati,

- B. billi l-għlieda kontra s-sajd IUU ġiet imxekkla minn fatturi bħall-użu ta' bnadar ta' konvenjenza, it-trażbord fl-ibħra miftuħa, in-nuqqas ta' kontroll xieraq fil-port u kooperazzjoni skarsa bejn l-awtoritajiet ta' kontroll,
- C. billi, skond d-definizzjoni ta' l-FAO tas-sajd IUU, "sajd illegali" jirreferi għal attivitajiet immexxija minn bastimenti bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-istati li huma parti mill-organizzazzjoni reġjonali ta' mmaniġġjar tas-sajd (RFMO), u "sajd mhux iddikjarat" jirreferi għal attivitajiet li ġew rappurtati ħażin jew li ma ġewx rappurtati lill-awtorità nazzjonali kompetenti jew lill-RFMO rilevanti, u "sajd irregolat" jirreferi għal attivitajiet li saru minn bastimenti mingħajr nazzjonalità jew taħt bandiera ta' stat li mhux parti minn RFMO partikolari, bi ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u mmaniġġjar ta' dik l-organizzazzjoni,
- D. billi, anke jekk is-sajd IUU jista' jseħħ fi kwalunkwe parti tal-flotta, l-ikbar impatt tiegħu jidher fil-qasam tas-sajd 'il barra mill-kosta, li bi preferenza jopera f'ibħra internazzjonali u fil-blata kontinentali ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw bi ftit miżuri ta' kontroll, li jfisser li l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea trid tiffoka fuq dawk l-oqsma u fuq dik il-parti tal-flotta,
- E. billi bastimenti li jwettqu s-sajd IUU jgħinu biex idgħajfu l-kundizzjonijiet soċjali u l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol ta' l-ekwipaġġi,
- F. billi s-sajd IUU u attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni marbuta miegħu jikkostitwixxu wkoll kompetizzjoni inġusta għal dawk is-sajjieda u persuni kummerċjali li jobdu r-regoli stipulati fil-liġi, inkluża l-leġiżlazzjoni fl-UE, fl-Istati Membri tagħha u f'pajjiżi oħra u l-miżuri ta' mmaniġġjar miftiehma minn organizzazzjonijiet reġjonali ta' mmaniġġjar tas-sajd (RFMOs),
- G. billi l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom iżidu l-impenn tagħhom fil-għlieda kontra l-forom kollha tas-sajd illegali, iżda huwa wkoll meħtieġ li jkun hemm distinzjoni bejn ksur minn bastimenti tal-Komunità ta' regoli tal-Komunità u s-sajd IUU kif interpretat f'livell internazzjonali, u meta jitqies li attivitajiet li jsiru fi ħdan il-qafas tas-CFP huma fil-fatt regolati, li jfisser li l-għlieda kontra dawk iż-żewġ attivitajiet fil-maġġoranza tal-każijiet jinvolvu proċeduri differenti,
- H. billi l-Kummissjoni nnifisha tirrikonoxxi d-diffikultà li tagħmel differenza bejn qabdiet leċiti u illeċiti, partikolarment f'ċerti każijiet bħal meta l-ħut li jitniżżel l-art ikun friżat, jew fejn ikun hemm netwerks kummerċjali ma' pajjiżi terzi u l-ħut ikun ipproċessat qabel ma jasal fis-suq Ewropew,
- K. billi l-RFMOs huma l-aħjar mezz biex tiġġieled is-sajd IUU f'livell internazzjonali u l-parteċipazzjoni tagħna fihom tħallina nistabbilixxu azzjonijiet konġunti u nitkellmu b'vuċi waħda fl-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti,
- L. billi l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll effettiva u koerenti hija komponent prinċipali għal politika ta' konservazzjoni u mmaniġġjar ta' riżors sostenibbli, u tinvolvi mhux biss l-

introduzzjoni ta' miżuri aktar restrittivi iżda wkoll l-applikazzjoni ta' miżuri eżistenti aħjar u b'mod aktar ġust,

- M. konxju ta' l-importanza tal-bdil ta' l-informazzjoni u l-koperazzjoni internazzjonali fil-
ġlieda kontra s-sajd IUU,
- N. billi l-profitti li jirriżultaw mis-sajd IUU jistgħu f'xi każijiet jgħinu biex jiffinanzjaw l-
attivitajiet ta' networks ta' kriminalità organizzata,
1. Itenni l-impenn tiegħu fil-ġlieda kontra s-sajd IUU fil-forom kollha tiegħu, kif espress fir-
riżoluzzjoni tiegħu ta' l-20 ta' Novembru 2002, hawn fuq imsemmija;
 2. Jilqa' b' sodisfazzjon il-progress li sar fil-livell internazzjonali u mill-UE fil-ġlieda kontra
s-sajd IUU, iżda jikkunsidra li l-fenomeni qed jibqa' jizjed u, konsegwentement, li
hemm bżonn ta' iktar sforzi;
 3. Jikkunsidra li l-ammont tas-sajd IUU, id-diversità tal-fatturi li jikkontribwixxu għalih u l-
firxa wiesgħa ta' għodda legali, loġistika u finanzjarja neċessarja biex jiġi miġġieled huma
tali li jirrikjedu koperazzjoni fil-livelli kollha, inklużi d-diversi Direttorati-Ġenerali tal-
Kummissjoni (speċjalment, iżda mhux biss, id-Direttorati Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet
Marittimi, għall-Kummerċ, għall-Iżvilupp u għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur), il-
Kunsill, l-Istati Membri individwali u l-komunità internazzjonali; huwa ta' l-opinjoni, għal
dak il-għan, li l-Green Paper dwar politika ġdida marittima għall-Unjoni tista' sservi ta'
qafas għal koperazzjoni fuq liema bażi l-ġlieda kontra s-sajd IUU tista' tiġi affrontata
b'mod aktar effettiv;
 4. Jikkunsidra li l-importanza ta' l-Unjoni Ewropea fid-dinja, fl-irwoli diversi tagħha bħala
forza tas-sajd ewlenija u bħala l-ikbar suq fid-dinja għall-ħut, tobbligaha li tkun fuq
quddiemnett fil-ġlieda kontra s-sajd IUU;
 5. Jinnota li l-UE hija fost l-entitajiet l-iktar għonja u l-iktar avvanzati teknoloġikament u li
hija tibbaża ruħha fuq l-istat tad-dritt, u b'hekk jixraq li l-UE twessa' u tintensifika l-
isforzi tagħha fil-ġlieda kontra s-sajd IUU;
 6. Jikkunsidra li l-UE tista' biss taġixxi b'mod kredibbli fix-xena globali jekk hija tkun diġà
ħadet azzjoni effettiva biex twaqqaf l-involvement tagħha stess fis-sajd IUU, kemm fl-
ilmijiet ta' l-UE u kemm minn bastimenti ta' l-UE jew interessi barra mill-UE;
 7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-iktar lil dawk li
magħhom għandha ftehimiet tas-sajd, biex ikunu konformi kompletament ma' l-impenni
tal-pjan ta' azzjoni internazzjonali hawn fuq imsemmi maħsub biex jimpedixxi s-sajd
illegali, tgħin fit-tisħiħ tal-ftit mezz disponibbli għalihom billi tinkludi azzjonijiet
speċifiċi fil-ftehimiet ta' sħubija l-ġodda;
 8. Itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-ewwel pass kruċjali u ovvjju li l-Unjoni Ewropea għandha
tiegħu huwa, l-ewwel, li timplimenta bi sħiħ id-dispożizzjonijiet eżistenti tas-CFP u
leġislazzjoni rilevanti oħra tal-Komunità b'mod effettiv, ġust u rigoruż, sabiex jitnaqqas
is-sajd mhux iddikjarat u illegali minn bastimenti tal-Komunità u fl-ilmijiet tal-Komunità
u, it-tieni, li tinibixxi l-wasla u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti minn ħut maqbud

illegalment minn barra l-UE; jinnota li dawn id-dmirijiet jaqgħu primarjament fuq il-gvernijiet ta' l-Istati Membri, fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunità u bħala stati port;

9. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-mekkaniżmi ta' deterrent (sorveljanza, kontroll, sanzjonijiet, eċċ.) u jipproponu miżuri li jagħmluha possibli li jiġu inibiti l-ksur u jtejbu l-applikazzjonijiet tar-regoli eżistenti;
10. Jinnota li t-traċċabilità baxxa tal-ħut twassal għal konfużjoni dwar l-oriġini tiegħu, li jagħmilha diffiċli jew impossibbli biex wieħed jiddistingwi bejn ħut maqbud legalment u ħut maqbud illegalment;
11. Iqis bħala meħtieġ li jitjebu l-assistenza u l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġu msaħħa l-kontrolli u s-sorveljanza u biex jippromwovu miżuri ta' regolamentazzjoni kummerċjali li jagħmluha possibli biex tidentifika l-oriġini tal-qabdiet li jinħattu l-art;
12. Iqis bħala meħtieġ li jiġi intensifikat il-kontroll mill-istati port tal-ħut li jinħattu l-art u t-trażbordi ta' ħut iffriżat minn pajjiżi terzi u li titjeb il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u dawn il-pajjiżi;
13. Ifakkar ir-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2006 dwar l-ekottikkettar, imsemmija hawn fuq, u jtenni l-opinjoni tiegħu li t-titjib fit-traċċabilità tal-ħut, mix-xibka għall-platt, li jkun meħtieġa bl-iskemi ta' ekottikkettar ikun ta' għajjnuna konsiderevoli biex jiġu identifikati l-ħut IUU u biex jinżamm 'il barra mis-suq ta' l-EU; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposta tagħha dwar l-ekottikkettar sa Ġunju 2007;
14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jerġgħu jirdupjaw l-isforzi tagħhom biex jimplementaw il-15-il azzjoni inklużi fil-pjan ta' azzjoni ta' l-UE dwar is-sajd IUU kif miftiehem fl-2002, u b'mod partikolari biex:
 - i. jiggarrantixxu trattament ugwali għall-esponenti ekonomiċi, filwaqt li jiskoraġġixxu lil dawk fi ħdan il-Komunità li jixtiequ jużaw il-bnadar ta' konvenjenza;
 - ii. jinkorporaw regoli fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità biex ikun ipprojbit in-negozju ta' ħut ta' oriġini IUU;
 - iii. jistabilixxu regoli li jorbtu dwar il-kontroll u l-ispezzjoni fi ħdan qafas legali komuni madwar l-Unjoni Ewropea;
 - iv. jżidu l-kampanja ta' informazzjoni tal-Komunità sabiex jitjeb l-għarfien pubbliku dwar l-ammont u n-natura serja tas-sajd IUU;
 - v. jippromwovu pjanijiet ta' kontroll u spezzjoni għal kull RFMO li l-UE tiffirma parti minnha;
 - vi. jaħdmu biex ikun żgurat li l-qasam ta' applikazzjoni ta' l-RFMOs ikun estiż biex jinkludi s-sajd ewlieni kollu fl-oċeani tad-dinja, inklużi speċijiet li jgħixu qrib qiegħ il-baħar, speċijiet pelaġiċi żgħar u speċijiet migratorji ħafna;
 - vii. jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ħolqien u r-reviżjoni, kif xieraq, ta' listi adottati mill-RFMOs ta' bastimenti li jdgħajfu l-miżuri ta' konservazzjoni, inkluż billi jkunu

pprovduti l-pożizzjonijiet; jinkoraġixxu l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet kummerċjali kontra l-pajjiżi li l-bastimenti jtajru l-bandiera tagħhom;

- viii. jippromwovu l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni uniformi mill-RFMOs billi ssir pressjoni għal miżuri l-iktar effettivi possibbli;
 - ix. jaħdmu bis-sħiħ biex jippromwovu l-iżvilupp ta' skemi ta' dokumentazzjoni ta' qabdiet, li jibdeu mill-ispeċi l-iktar fil-periklu, u jiżguraw li l-ħut li jitħalla jidhul fis-suq ta' l-UE ma ġiex maqbud illegalment;
 - x. isaħħu l-koperazzjoni internazzjoni fin-netwerk MCS (Monitoraġġ, Kontroll u Sorveljanza) kif ukoll skemi reġjonali bil-ħsieb li tiġi stabbilita, taħt il-patroċinju tal-FAO, sistema internazzjonali ta' informazzjoni dwar il-bastimenti tas-sajd 'il barra mill-kosta;
 - xi. jidefinixxu "rabta sostanzjali" bejn bastiment tas-sajd u l-bandiera li huwa jtajjar;
 - xii. jidefinixxu d-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati port;
 - xiii. jassistu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-abilità tagħhom li jagħmlu monitoraġġ ta' l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tagħhom u fil-ġlieda kontra s-sajd IUU;
15. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-inklużjoni fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2007 ta' pakkett dwar is-sajd IUU, li jinkludi komunikazzjoni mill-Kummissjoni u proposta għal regolament tal-Kunsill biex tiżdied il-ġlieda kontra s-sajd IUU; jilqa' b'sodisfazzjoni il-qawmien mill-ġdid tal-grupp ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, li kien inħoloq oriġinarjament fl-2002;
16. Jistieden lill-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd biex tinkludi l-ġlieda kontra s-sajd illegali u l-kordinazzjoni ta' l-attività ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam mal-prijoritajiet tagħha bħala parti mill-programm tax-xogħol annwali tagħha;
17. Jistieden lil dawk kollha interessati li jeliminaw is-sajd IUU, inklużi l-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE, il-gvernijiet ta' l-Istati Membri, is-segmenti diversi ta' l-industrija tas-sajd, ta' l-ipproċessar u ta' l-imnut, l-NGOs u partijiet oħra kkonċernati biex jippreżentaw il-proposti tagħhom dwar x'għandha tagħmel l-UE waqt id-diskussjoni li se tiġi mnedija mill-Kummissjoni flimkien mal-komunikazzjoni tagħha li qed titfassal dwar is-sajd IUU;
18. Jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha tinkludi l-azzjonijiet li ġejjin fil-proposta tagħha biex tiġi adottata fil-liġi ta' l-UE:
- il-bastimenti tas-sajd u l-bastimenti għat-trasport tal-ħut kollha rreġistrati fl-UE jew li jtajru l-bnadar ta' pajjiżi terzi u li jixtiequ jidħlu f'port ta' l-UE jridu jkunu identifikabbli malajr permezz tal-marki inklużi fl-Ispeċifikazzjonijiet Standard tal-FAO dwar l-Immarkar u l-Identifikazzjoni tal-Bastimenti tas-Sajd;
 - għandu jinħoloq reġistru tal-Komunità ta' bastimenti li qed iwettqu sajd IUU li għandu jinkludi bastimenti fuq il-listi s-suwed (blacklists) ta' l-RFMO; tali reġistru għandu

jiffaċilita l-bdil malajr ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u jagħmilha possibli li jsir monitoraġġ ta' bastimenti wara li titqies il-possibiltà ta' reġistrazzjoni mill-ġdid;

- pieni minimi komuni għal ksur serju tar-regoli jridu jkunu applikabbli fl-Istati Membri kollha, u jridu jkunu dissważivi biżżejjed;
- ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll applikabbli għall-politika komuni tas-sajd¹ u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura² jridu jissaħħu b'tali mod li jippermettu li l-ħut ikun ittraċċat kompletament mill-ħin ta' meta jittella' abbord bastiment tas-sajd sakemm jilħaq il-klijent finali tiegħu;
- il-listi s-suwed kollha tal-bastimenti tas-sajd u tal-bastimenti għat-trasport tal-ħut, inklużi s-sidien jew l-operaturi tagħhom, adottati mill-RFMOs iridu jkunu ppubblikati u inkorporati direttament fil-liġi tal-Komunità; il-bastimenti f'dawk il-listi li m'humix ta' l-UE jridu jkunu pprojbiti milli jidhru fil-portijiet tal-Komunità għal kwalunkwe skop, ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri jew għal raġunijiet umanitarji; il-bastimenti kollha li jtajru l-bandiera ta' l-UE jridu jkunu pprojbiti milli jipprovdu appoġġ (fjuwil, provvisti, trażbord, eċċ.) lil dawk il-bastimenti waqt li jkunu fil-baħar;
- l-oriġini legali tal-ħut trid tintwera qabel ma jkun permess li jinħatt f'portijiet ta' l-UE jew li jiġi importat fl-UE; tali evidenza għandha tinkludi, kemm għall-wasla fl-art tal-ħut mill-bastimenti tas-sajd kif ukoll għat-trażbordi:
 - fil-każ ta' prodotti tal-ħut minn il-mijiet regolati b'RFMO, dokumenti li jstabilixxu li l-prodotti tal-ħut li se jitniżżlu l-art inqabdu skond ir-regoli ta' dik l-RFMO u li l-kwoti allokatu lill-parti kontraenti li taħt il-bandiera tagħha l-bastiment qed ibaħħar ġew rispettati;
 - fil-każ ta' prodotti tal-ħut maqbuda fiż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' pajjiżi terzi, dokumentazzjoni li tistabilixxi li l-bastiment hu awtorizzat biex jistad jew huwa fil-pussess ta' liċenzja tas-sajd għal dawk il-mijiet u għall-ispeċi li se jitniżżlu l-art;
- l-Istati Membri għandhom jiskoraġixxu t-trasferiment ta' bastimenti mir-reġistru nazzjonali tagħhom jekk huma se jkunu rreġistrati mill-ġdid u jtajru bandiera ta' pajjiż li kien identifikat minn RFMO bħala pajjiż li l-bastimenti tiegħu kienu qed jistadu b'mod li jnaqqas l-effettività tal-miżuri ta' konservazzjoni adottati minn dik l-RFMO;
- bastimenti u produttori f'pajjiżi terzi li jitħallew jesportaw ħut jew prodotti tal-ħut lejn l-UE, kif inklużi fil-listi mfassla mill-pajjiżi terzi u ppubblikati mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur, iridu jkunu ikkontrollati bir-reqqa ma' listi suwed ta' bastimenti magħmula minn RFMOs jew pajjiżi terzi oħra; il-

¹ ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 768/2005 (ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1).

² ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1759/2006 (ĠU L 335, 1.12.2006, p. 3).

Kummissjoni għandha tuża l-mezzi kollha possibli biex tassigura li bastimenti fuq tali listi suwed ma jithallexw jesportaw ħut jew prodotti tal-ħut lejn l-UE; għal dan il-għan, tista' tingħata konsiderazzjoni lill-emenda għar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li tipprovdi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffieċjali fuq prodotti ġejjin mill-annimali intenzjonati għall-konsum uman¹;

19. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-istabbiliment ta' aġenzija ta' kontroll ġdida u huwa kunfidenti li din l-aġenzija se tilgħab irwol importanti fil-ġlieda kontra s-sajd IUU; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-idea li twaqqaf għassiesa tal-kosta ta' l-UE;
20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ma jħallux sajd fl-ilmijiet tal-Komunità u dħul fil-portijiet tal-Komunità ta' bastimenti li huma involuti fis-sajd IUU skond ir-regoli fis-seħħ u jinibixxu l-importazzjoni ta' ħut minn dawk il-bastimenti; jistieden, bl-istess mod, lill-Istati Membri biex ma jħallux dan it-tip ta' bastiment jiġi reġistrat taħt il-bandiera tagħhom, u biex jistiednu lill-importaturi, lit-trasportaturi u lil setturi oħra konċernati biex ma jagħmlux trażbord jew ikollhom x'jaqsmu ma' ħut maqbud minn dawk il-bastimenti;
21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tassigura li kull persuna naturali jew legali ħatja ta' sajd IUU skond ir-regoli fis-seħħ ma tirċevix xi tip ta' għajjnuna jew sussidju mill-fondi tal-Komunità għal kwalunkwe fergħa ta' l-attivitajiet tagħhom, u biex titlob lill-Istati Membri jieħdu azzjoni simili fir-rigward ta' l-għajjnuna nazzjonali rispettivi tagħhom;
22. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq u tippreżenta studju dwar it-tariffi u r-regoli ta' oriġini, li jkollu eżami tal-modi li bihom din l-għodda tista' tintuża sabiex tinkoraġġixxi pajjiżi terzi biex jiżguraw li l-bastimenti tagħhom ikunu konformi mal-miżuri ta' mmaniġġjar internazzjonali rilevanti;
23. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq u tissottometti studju dwar il-konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità dwar ix-xogħol, is-saħħa u s-sigurtà u dwar ir-rispett lejn id-drittijiet soċjali tal-ħaddiema fuq dak it-tip ta' bastiment, u dwar il-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol abbord;
24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tuża l-influwenza konsiderevoli tagħha fl-RFMOs biex tinkoraġġihom sabiex jistabbilixxu listi ta' bastimenti li huma awtorizzati li jistadu (listi bojod) u ta' bastimenti li kienu nqabdu jistadu illegalment (listi suwed); tali listi għandhom jifasslu b'mod trasparenti u koerenti skond kriterji ċari; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi lill-RFMOs biex jidentifikaw il-pajjiżi li ma jikkontrollawx l-attivitajiet tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u biex jużaw dawk il-listi bħala għodda biex jippermettu l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tal-ħut;
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tagħti prijorità massima lill-koperazzjoni ma' l-RFMOs bħall-Kummissjoni tas-Sajd ta' l-Atlantiku tal-Grigal, l-Organizzazzjoni tas-Sajd Atlantiku tal-Majjistral u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku li, bl-inizjattivi tagħhom maħsuba biex jiġġieldu s-sajd illegali, urew li

¹ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206. Regolament l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

huma l-istrumenti l-iktar addattati biex tkun żgurata t-tmexxija tajba ta' l-ibħra miftuħa;

26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex isaħħu r-riżorsi allokatati għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fil-livelli kollha;
27. Huwa konvint li l-mezzi biex jitnaqqas u jiġi eliminat is-sajd IUU huma t-traċċabilità sħiħa matul il-katina ta' kustodja, it-trasparenza tad-deċiżjonijiet, il-koperazzjoni iktar wiesgħa fi ħdan l-UE u l-komunità internazzjonali u, l-iktar importanti, wiri ta' rieda politika mill-partijiet kollha; itenni li, sakemm ma jsirx ħafna iktar, l-istokkijiet tal-ħut se jkomplu jitnaqqsu u l-komunitajiet tas-sajd fl-UE u fi bnadi oħra se jsofru diffikultà anki ikbar;
28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Komitati għas-Sajd tal-FAO u lis-segretarjati ta' l-RFMOs li l-UE tagħmel parti minnhom.

NOTA SPJEGATTIVA

Għal ħafna snin, il-komunità internazzjonali kienet qed tagħmel sforz biex tittratta ċertu tipi ta' sajd li huma jew ovvjament illegali, jew inkella jaqgħu taħt l-inkoerenza ta' l-amministrazzjoni fil-livell nazzjonali jew internazzjonali. Minn dejjem kien hemm bastimenti li operaw fil-limiti tal-legalità, jew lil hinn minnha. Iżda sakemm l-istokkijiet tal-ħut kienu ħafna, ftit taw wisq każ ta' xi ftit bastimenti li kienu qed jagħmlu affarijiet li mhux support. Reċentament, iżda, dan it-tip ta' sajd żdied b'mod sinifikanti.

Huwa kważi impossibbli li wieħed jagħmel stima ta' kemm dawn l-attivitajiet huma importanti, minħabba li l-biċċa l-kbira minnhom isiru fejn ma jkunx hemm xhieda. Minkejja dan, saru xi stimuli, l-iktar reċenti mill-Grupp għall-Evalwazzjoni tar-Riżorsi tal-Baħar, li stmaw li sajd bħal dan madwar id-dinja kien jiswa mill-inqas \$2.4 biljun. Ħafna minn dan jiġi mill-ilmijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li huma wisq fqar biex ikunu jistgħu jwettqu monitoraġġ ta' l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tagħhom u ma jħallux li jsir sajd illegali, li jirriżulta f'telf u diffikultà għall-popolazzjonijiet kostali tagħhom, li jiddependu mill-ħut għall-għajxien u għas-sigurtà ta' l-ikel tagħhom. Huwa wkoll telf dirett għall-operaturi tas-sajd leġittimu.

1. Azzjoni Internazzjonali Kontra s-Sajd IUU

Il-komunità internazzjonali, taħt pressjoni ta' ftit pajjiżi individwali, intensifikat il-kampanja tagħha kontra dak li sar magħruf bħala sajd IUU (Illegali, Mhux irregolat u Mhux iddikjarat). Għall-ewwel dan kien isir fil-kuntest ta' organizzazzjonijiet reġjonali ta' mmaniġġjar tas-sajd, bħal NAFO, ICCAT jew CCAMLR¹.

Il-ħut, iżda, huwa mobbli, kif huma l-flotot li jsegwuh u l-flus li jiffinanzjaw il-flotot. Konsegwentement, ġew adottati strumenti globali biex jistabbilixxu ċerti limiti dwar il-ħeffa li biha l-bastimenti tal-ħut jistgħu jibdeu jistadu b'mod IUU, inklużi l-Ftehma ta' Konformità tal-FAO u l-Ftehma dwar l-Istokkijiet tal-ħut tan-NU. Iktar reċenti, fl-2002, il-FAO adottat Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali dwar is-Sajd IUU² li nkluda definizzjonijiet tas-sajd illegali, tas-sajd mhux regolat u tas-sajd mhux iddikjarat.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-FAO talab lill-pajjiżi biex jadottaw pjan ta' azzjoni tagħhom stess, li l-Unjoni Ewropea għamlet f'Ġunju 2002, ibbażat fuq komunikazzjoni mill-Kummissjoni³ u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Ġunju 2002.

Il-Pjan tal-FAO jitlob li l-pajjiżi jevalwaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom erba' snin wara l-adozzjoni tagħhom, jiġifieri fl-2006 għall-UE. Huwa dan li ġiegħel lir-rapporteur tiegħek tipproponi rapport dwar is-sajd IUU, biex ikun evalwat il-progress magħmul (jew mhux magħmul) fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE.

¹ rispettivament, l-Organizzazzjoni tas-Sajd ta' l-Atlantiku tal-Majjistral; il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku; il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar ta' l-Antartiku.

² Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali biex is-Sajd Illegali, Mhux Iddikjarat u Mhux Irregolat ma jitħallix isir, ikun skoraġġit u jkun eliminat, li jinsab fi <http://www.fao.org/DOCREP/003/y1224e/y1224e00.HTM>.

³ COM(2002)0180.

2. Aspetti Diversi tas-Sajd IUU

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-FAO jenfasizza l-ħafna tipi differenti ta' attivitajiet li jistgħu jikkontribwixxu għas-sajd IUU u jinnota r-responsabilitajiet diversi ta' gvernijiet nazzjonali biex jikkontrollaw dawn l-attivitajiet, bħall-Istat ta' reġistrazzjoni, l-Istat b'pussess benefiċjarju, l-Istat port u l-Istat suq.

L-Istat ta' reġistrazzjoni: Skond il-liġi internazzjonali, l-Istat ta' reġistrazzjoni (il-pajjiż li l-bastiment tas-sajd itajjar il-bandiera tiegħu) huwa responsabbli li jivverifika li l-bastiment ikun konformi mar-regoli, inklużi l-miżuri ta' mmaniġġjar tas-sajd, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-istandards tas-saħħa, eċċ. Ħafna bastimenti tas-sajd ma jersqux lejn il-kosta biex iħottu l-qabda tagħhom, minħabba li jippreferu jittrasferixxuha fuq bastimenti ta' merkanzija b'tagħmir ta' tkessiħ (reefers) li jeħduha fil-port. Dawn ir-'reefers' jistgħu jintużaw biex jagħmlu "ħasil" tal-ħut, billi jħalltu flimkien il-ħut minn operatori legali u illegali. B'hekk l-Istati ta' reġistrazzjoni ta' dawn ir-'reefers' huma importanti daqs dawk tal-bastimenti tas-sajd. L-implimentazzjoni effettiva tar-regoli eżistenti ta' l-UE sservi biex tnaqqas din il-parti tas-sajd IUU, iżda jeħtieġ li r-regolamenti jissaħħu wkoll.

L-Istat b'pussess benefiċjarju: L-Istati li ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom bħala Stat ta' reġistrazzjoni huma magħrufa bħala "Bnadar ta' Konvenjenza". Jekk bastiment li jtajjar bandiera ta' konvenjenza huwa proprjetà ta' sid ta' bastiment ibbażat fi Stat Membru, huwa jkun magħruf bħala l-Istat b'pussess benefiċjarju. Ir-rapport Mc Kenna¹ sab li kumpaniji ta' l-UE għamlu użu wiesa' minn bnadar ta' konvenjenza, u b'hekk kienu involuti mill-qrib fis-sajd IUU.

L-Istat port: Il-ħut kollu jrid jiġi fil-port sabiex jilħaq is-suq, u għalhekk l-Istat port fejn il-ħut jitniżżel l-art għandu rwol vitali xi jwettaq. Jeħtieġ li jsiru spezzjonijiet u kontrolli rigorużi fil-port biex il-ħut IUU ma jitħalliex jidħol fis-suq. Hemm "portijiet ta' konvenjenza" li huma magħrufa li jagħlqu għajnejhom għall-wasla ta' ħut IUU, u huma jeżistu kemm fl-UE u kemm fi bnadi oħra. L-iktar wieħed magħruf sewwa, iżda mhux l-uniku wieħed, fl-UE huwa Las Palmas de Gran Canaria, fil-Gżejjer Kanari.

L-Istat suq: Biex il-ħut jinġab mill-port fejn jitniżżel sad-destinazzjoni finali, il-konsumatur jirrikjedi l-parteċipazzjoni ta' ħafna parteċipanti differenti, inklużi l-aġenti ta' sid il-bastiment, il-ħaddiema tat-trasport u l-ħwienet tan-negozju bl-imnut jew ir-restoranti. Wara ħafna minn dawn hemm il-banek, li jipprovdu l-kapital meħtieġ (lis-sidien tal-bastimenti u lill-operaturi wkoll, ta' min jinnota). L-ispezzjoni ta' l-attivitajiet tagħhom huwa essenzjali daqs kemm huma l-ispezzjonijiet fil-port, biex ma jitħalliex li l-ħut illegali jimxi tul il-katina ta' kustodja.

Il-komplessitajiet tas-sajd IUU u l-ħtieġa għal koperazzjoni internazzjonali flimkien bi ftehim jistgħu jkunu spjegati l-aħjar permezz ta' ftit eżempji.

¹ Ir-rapport McKenna ta' l-2001 iddeskriva fid-dettall l-impatt tal-bnadar ta' konvenjenza u l-involviment ta' l-UE. [AS-0405/2001](#).

It-tonn 'bluefin' huwa fost l-ispeċijiet bl-ikbar valur kummerċjali fid-dinja, speċjalment meta jkun iddestinat għas-suq 'sashimi' Ġappuniż. Bla dubju, isir kapital kbir minnu u huwa kkunsmat ħafna. Jista' jitqies bħala speċi klassika ta' IUU, minħabba li huwa ġibed ħafna sforzi ta' sajd li operaw mhux skond ir-regolamenti ta' l-ICCAT, l-organizzazzjoni responsabbli għall-immaniġġjar ta' dan is-sajd. Fl-1996 l-ICCAT ħadet pass kuraġġuż billi qablet li tipprobixxi l-importazzjoni tal-'bluefin' minn żewġ pajjiżi li l-bastimenti tagħhom kienu qed jaqdbu l-'bluefin' mhux skond ir-regoli ta' l-ICCAT - il-Honduras u l-Belize (sena wara l-Panama kienet miżjuda). Ir-riżultat ta' dawn il-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni (oħrajn segwew għall-pixxispad u t-tonn 'bigeye') kien temporanju, iżda, u ġie segwit minn serje ta' bdil ta' bñadar, hekk kif bastimenti ġew trasferiti minn bñadar li kienu suġġetti għal projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni għal dawk li ma kinux. Ftit mill-pajjiżi li kien hemm sanzjoni fuqhom ingħaqdu ma' l-ICCAT, u l-proċeduri fi hñan l-ICCAT wasslu biex ħafna minn dawn il-bastimenti jitneħħew mil-"lista s-sewda"; iktar tard, ħafna minnhom deħru fuq "lista bajda" ta' bastimenti awtorizzati għas-sajd. Is-sanzjonijiet tneħħew, mingħajr l-ebda hteġa għall-Istati ta' reġistrazzjoni li juru li l-bastimenti kienu qed joperaw skond ir-regoli ICCAT. Illum, il-"lista s-sewda" tnaqqset għal kważi xejn, u żewġ pajjiżi biss huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-importazzjoni (il-Ġeorġja u l-Bolivja). Dak ma jfissirx li l-bastimenti kollha qed joperaw skond il-liġi. Għall-ħabta ta' dak iż-żmien, beda jinxtered it-tkabbir tat-tonn madwar il-Mediterran kollu, bit-tonn ikun destinat għas-suq Ġappuniż. L-espansjoni kienet prattikament mhux irregolata, inkluż fl-UE (fondi strutturali ntużaw biex jappoġġjaw is-sajd) u wasslet għal sajd żejjed; pereżempju, fl-2005, statistiċi uffiċjali juru li Franza qabżet il-kwota b'iktar minn 50%; l-Italja wkoll qabżet il-kwota tagħha. Dik it-TAC ġiet adottata fl-ICCAT fl-2000 bi pressjoni mill-UE, kontra l-parir tax-xjentisti. B'mod interessanti, il-Ġappun reċentement inqabad jistad b'mod eċċessiv għat-tonn 'bluefin' tan-nofsinar, speċi separata regolata mis-CCSBT¹. Il-Ġappun qabel li jnaqqas il-qabdiel tiegħu fil-futur bin-nofs biex jagħmel tajjeb - l-UE se taġixxi bl-istess mod fi hñan l-ICCAT? Fil-qosor, l-ICCAT falliet bil-kbir milli tirregola s-sajd għall-'bluefin' u milli tikkonserva s-sajd, minħabba li l-Partijiet Kontraenti ddefendew l-interessi tas-sajd nazzjonali tagħhom u ma żammewx il-pressjoni u l-koperazzjoni politiċi, ekonomiċi u legali neċessarji biex jikkontrollaw is-sajd IUU.

Fl-Afrika tal-Punent, ħafna pajjiżi ma jistgħux jikkontrollaw is-sajd b'mod effettiv fl-ilmijiet tagħhom, minħabba nuqqas ta' riżorsi loġistiċi u ekonomiċi, koperazzjoni reġjonali insuffiċjenti jew, f'xi każijiet, nuqqas ta' rieda politika min-naħa tal-gvern. Bħala riżultat, is-sajd IUU sar ħaġa komuni f'ċerti nħawi, filwaqt li naqqas l-istokkijiet tal-ħut, ikkawża ħafna diffikultajiet għall-komunitajiet kostali li jiddependu mis-sajd għas-sigurtà ta' l-ikel tagħhom u għall-għajxien tagħhom, biex ma nsemmux il-kambju ta' flus barranin li riżorsi ta' ħut abbundanti jista' jipprovidi. Las Palmas huwa port importanti għall-ħatt ta' ħafna ħut mill-Afrika tal-Punent, destinat jew għas-suq ta' l-UE jew fi tranżitu għal swieq oħra. In-nuqqas ta' kontrolli effettivi u proprji dwar il-ħatt ta' ħut f'Las Palmas ġie dokumentat b'mod wiesa'. Ir-rapporteur tiegħek żaret Las Palmas matul il-faży ta' riċerka ta' dan ir-rapport u rat il-ħut jinħatt minn 'reefer' li l-oriġini tiegħu ma kenitx ċara, mingħajr esaġerazzjoni. Jekk l-oriġini tal-ħut mhix ċara, il-legalità tiegħu ma tistax tkun ivverifikata b'ċertezza.

Il-merluzz mill-Baħar Barents juri li portijiet ta' konvenjenza jeżistu wkoll fl-Ewropa tat-

¹ Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonn 'Bluefin' tan-Nofsinar.

Tramuntana. Dan huwa wieħed mill-ikbar stokkijiet ta' merluzz li għad baqa' u huwa jforni parti tajba mis-suq ta' l-UE. Iktar kmieni din is-sena, ħafna merluzz li kien dieħel fl-UE nstab li kien geġ minn bastimenti IUU li jidħlu f'portijiet fl-Ewropa tat-Tramuntana (pereżempju, ir-“Rostok 5”). L-NEAFC¹ wieġbet billi ħolqot “listi suwed” ta' bastimenti li lanqas biss huma permessi li jidħlu fil-portijiet tal-Partijiet Kontraenti. Problemi simili jeżistu għall-merluzz tal-Baħar Baltiku, ħliet li huma l-bastimenti ta' l-UE li huma responsabbli għal ħafna sajd illegali u iktar mill-kwota.

L-irwoli ta' l-Istat ta' reġistrazzjoni, l-Istat port u l-Istat suq huma interkonnessi b'mod ċar u kollha jridu jkunu involuti jekk is-sajd IUU jrid jiġi kkontrollat.

3. Pjan ta' Azzjoni IUU ta' l-UE ta' l-2002

L-UE hija, bi kwalunkwe kriterju, waħda mill-entitajiet tas-sajd l-iktar importanti tad-dinja:

- it-tielet l-iktar li taqbad ħut wara ċ-Ċina u l-Peru,
- waħda mill-ikbar fl-otot tad-dinja,
- utent importanti ta' bnadar ta' konvenjenza , u
- l-ikbar suq tad-dinja għall-ħut.

L-UE b'hekk għandha responsabilità li taġixxi f'dawn l-aspetti kollha biex ma tħallix li jsir sajd IUU, u biex ma tħallix lil operaturi bla skruplu fi kwalunkwe punt fil-katina milli japprofittaw ruħhom minn attivitajiet IUU. Huwa faċli wisq li tgħid li “l-UE mhix l-aġar” jew li “l-UE ma tistax taġixxi waħedha”. Meta wieħed jikkunsidra l-importanza politika u ekonomika ta' l-UE u l-influenza tagħha madwar id-dinja, l-UE għandha obbligu morali li tkun fuq quddiemnett tal-ġlieda biex ikun eliminat is-sajd IUU. Barra minn hekk, it-teddida tas-sajd IUU, f'sens ekoloġiku, soċjali u ekonomiku, tisser li l-UE għandha responsabilità pragmatika ħafna wkoll, jekk l-istokkijiet tal-ħut u s-sajd dipendenti fuqhom għandhom jibqgħu jeżistu. Il-Komunità għandha dmir li tippromwovi mudell ta' żvilupp ħafna iktar sostenibbli minn dak li bħalissa jiddomina internazzjonalment.

Hekk kif il-Kummissjoni pproponiet il-pjan ta' azzjoni ta' l-UE fl-2002, il-Kunsill

- stieden lill-Kummissjoni biex tieħu l-inizjattiva fl-RFMOs fil-ġlieda kontra sajd bħal dan, u
- ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timplimenta l-inizjattivi maħsuba mill-pjan li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Komunità.

Il-pjan, kif adottat, inkluda diversi punti, irranġati skond jekk kinux se jitwettqu fil-livell Komunitarju, fil-livell reġjonali, fil-livell internazzjonali, jew fi sħubija ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Il-Livell Komunitarju: erba' azzjonijiet kellhom ikunu implimentati mill-UE mingħajr il-ħtieġa li tfittex li jkun hemm qbil ma' pajjiżi jew organizzazzjonijiet oħra.

1. Tiedfinixxi r-responsabilità ta' l-Istati Membri biex ma jħallux li-ċittadini tagħhom iwettqu sajd IUU.

Ir-Regolament Bażiku ta' l-2002² jinkludi artikolu li jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu

¹ Kummissjoni tas-Sajd ta' l-Atlantiku tal-Grigal.

² Regolament tal-Kunsill 2371/2002.

miżuri kontra ċ-ċittadini tagħhom (jew kumpaniji) li jiksru s-CFP. Iżda, skond il-Kummissjoni, l-Istati Membri ma użawx din id-dispożizzjoni.==> hemm bżonn ta' iktar azzjoni

2. *Tadotta regoli biex ikun ipprojbit in-negozju tal-ħut maqbud permezz ta' sajd IUU.*
L-UE tagħmel traspożizzjoni tad-deċiżjonijiet ta' l-RFMOs biex ikun ipprojbit ċertu ħut min-negozju jew biex ikunu implimentati skemi diversi ta' dokumentazzjoni tal-qabda. Iżda, jista' jsir ħafna iktar, għalkemm huma l-Istati Membri li jridu jkunu iktar proattivi.
==> hemm bżonn ta' iktar azzjoni mill-Istati Membri
3. *Tadotta regoli biex in-negozju tal-ħut maqbud permezz ta' sajd IUU jkun ksur tar-regoli; tippubblika listi ta' bastimenti IUU ppreparati minn RFMOs, u tas-sidien tagħhom.*
L-ebda progress fuq l-ewwel parti. Il-lista IUU mill-NEAFC biss hija ppubblikata fil-ĠU.
==> hemm bżonn ta' ħafna iktar azzjoni
4. *Torganizza kampanja ta' għarfien pubbliku dwar is-sajd IUU.*
Il-Kummissjoni tenfasizza l-perikli tas-sajd IUU iżda l-pubbliku ġenerali għadu mhux konxju biżżejjed tad-daqs tal-problema, lanqas ta' l-involviment ta' l-UE f'xi każijiet.
==> hemm bżonn ta' iktar azzjoni mill-gvern, mill-industrija, mill-NGOs, eċċ.

Il-livell ta' l-RFMOs: l-UE kellha tipprova tara li jkunu adottati sitt azzjonijiet fil-livell ta' l-RFMOs.

5. *Promozzjoni ta' pjanijiet dettaljati ta' kontroll u spezzjoni għall-RFMOs.*
Din kellha suċċess varjat, skond l-RFMO. Xi wħud għandhom pjanijiet mhux ħażin (eż. NEAFC għal spezzjonijiet tal-port) filwaqt li oħrajn m'għandhom prattikament xejn. Il-Kummissjoni qed tinsisti li qed tagħmel dak kollu li tista'.
==> hemm bżonn ta' ħidma fit-tul u sostnuta mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, minn oħrajn
6. *Żieda fin-numru ta' sajd regolat mill-RFMOs.*
Għad hemm ħafna "spazji vojta" regulatorji, reġjuni ta' oċean li għalihom m'hemmxx RFMO responsabbli għal ċerti speċijiet. Il-Kummissjoni qed tinsisti li qed tagħmel dak kollu li tista'. Sar ftit progress iżda l-ispeċijiet li jgħixu qrib qiegħ il-baħar fl-ibħra miftuħa għadhom m'humiex koperti sew, bħala regola.
==> hemm bżonn ta' ħidma fit-tul u sostnuta mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, minn oħrajn
7. *Identifikazzjoni ta' bastimenti IUU u impożizzjoni ta' sanzjonijiet.*
Riżultati mħalltin dwar din. L-NEAFC għandha skema biex tistabbilixxi lista sewda u ma tħallix dħul fil-port (għalkemm l-ebda sanzjoni kummerċjali), parti minnha bbażata fuq il-ħidma ta' l-UE. Min-naħa l-oħra, il-lista s-sewda li qabel kienet twila fl-ICCAT hija kważi vojta, u dan mhux għax huma qed jistadu b'mod legali issa.
==> hemm bżonn ta' ħidma fit-tul u sostnuta mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, minn oħrajn

8. *Promozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni uniformi fl-RFMOs.*
Pjuttost bħall-punt 7, hemm progress mhux konsistenti fl-RFMOs. Filwaqt li dan huwa mistenni, minħabba li huma jiddependu fuq ir-rieda tajba tal-Partijiet Kontraenti, l-UE tista' bla dubju tagħmel iktar pressjoni, li teħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħdmu flimkien. Ħaġa kurjuża, fl-evalwazzjoni tagħha tal-pjan ta' azzjoni ta' l-UE għall-FAO, il-Kummissjoni naqset milli tevalwa l-progress dwar dan il-punt.
=> hemm bżonn ta' ħidma fit-tul u sostnuta mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, minn oħrajn
9. *Identifikazzjoni u kwantifikazzjoni ta' qbid IUU.*
10. *Ċertifikati u skemi ta' dokumentazzjoni.*
Kif il-Kummissjoni tinnota, dawn it-tnejn huma relatati ma' xulxin mill-qrib. Fi ħdan l-ICCAT, filwaqt li xi projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni għadhom jeżistu, it-tendenza ġenerali kienet li l-pajjiżi li kellhom sanzjonijiet jidħlu fl-RFMO, jiddikjaraw li l-bastimenti kienu leġittimi, u b'hekk jevitaw is-sanzjonijiet. L-iskema CCAMLR tidher li qed taħdem aħjar. Ftit RFMOs oħra adottaw xi tip ta' skema b'determinazzjoni.
=> għal darba oħra, hemm bżonn ta' ħidma fit-tul u sostnuta mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, minn oħrajn

Livell Internazzjonali: erba' azzjonijiet kienu proposti mill-Kummissjoni.

11. *Titjib fl-informazzjoni disponibbli dwar id-dritt għas-sajd ta' bastimenti.*
Il-Fteħima ta' Konformità tal-FAO, stabbiliet bażi ta' dejta internazzjonali ta' awtorizzazzjonijiet ta' bastimenti għas-sajd u l-UE tiffirma parti minnha. L-RFMOs ivarjaw fl-approċċ tagħhom, xi wħud jużaw "listi bojod" (listi ta' bastimenti awtorizzati li jistadu) u oħrajn jużaw "listi suwed" (listi ta' bastimenti li jridu jkunu pprojbiti). Kif innutat hawn fuq (punt 3) l-UE tinkorpora biss il-lista s-sewda ta' l-NEAFC fir-regolamenti tagħha, b'hekk listi oħrajn ma jorbtux legalment fl-UE.
=> għal darba oħra, hemm bżonn ta' ħidma fit-tul u sostnuta mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, minn oħrajn
12. *Tisħiħ fil-koperazzjoni internazzjonali fl-MCS*
Fil-pjan ta' azzjoni tagħha, l-UE għamlet referenza biss għal inizjattiva Ċilena/Amerikana biex tistabilixxi netwerk għall-koperazzjoni ta' aġenziji ta' monitoraġġ. Jista' jsir ħafna iktar f'diversi livelli, anki fi ħdan l-UE (għalkemm l-Aġenzija ta' Kontroll għandha tgħin f'dan is-sens). Madankollu, in-Netwerk MCS huwa approċċ b'teknoloġija avvanzata, u koordinazzjoni aħjar bejn l-UE u pajjiżi terzi, bħal skambji bilaterali jew reġjonali ma' Stati fl-Afrika tal-Punent, hija wkoll meħtieġa.
=> ħidma meħtieġa fl-istess ħin fi skemi li jeħtieġu inqas abilità teknoloġika
13. *Definizzjoni ta' "rabta sostanzjali" bejn bastiment u l-Istat ta' reġistrazzjoni tiegħu.*
Minħabba li din kienet waħda mill-iktar problemi diffiċli tal-liġi internazzjonali biex tissolva għal ħafna, ħafna snin, din hija veru objettiv għall-futur imbiegħed. Il-Kummissjoni għandha tkompli tippromwoviha iżda m'għandhiex tintuża bħala skuża biex ma ssirx pressjoni biex tintuża għodda oħra possibbli.

==> eżerċizzju teoretiku

14. Defnizzjoni tad-drittijiet u r-responsabilitajiet ta' Stati port

L-FAO adottat skema ta' port mudell u l-Kummissjoni għamlet pressjoni biex hija tkun adottata fl-NEAFC, li hija pożittiva ħafna. Iżda, hemm ħafna li l-UE tista' tagħmel biex timplimenta l-iskema tal-FAO fi ħdan il-konfini tagħha stess, mingħajr rikors għal RFMOs jew stennija biex l-iskema tal-FAO ssir strument li jorbot legalment skond il-liġi internazzjonali.

==> ftit avvanz internazzjonalment, ħidma meħtieġa fi ħdan l-UE nfisha

Sħubija ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw: azzjoni waħda biex titwettaq ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw.

15. Għajjnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-ġlieda tagħhom kontra s-sajd IUU

Bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, xi programmi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw irċevew appoġġ, jew għal pajjiżi speċifiċi jew għal reġjun. Dawn il-programmi wrew il-valur tagħhom f'li jiskoraġġixxu s-sajd IUU u għalhekk hemm bżonn li jkunu żviluppati ħafna iktar. Il-Kummissjoni qed tipprowa wkoll twettaq dan permezz tan-netwerk tagħha ta' ftehimiet bilaterali dwar is-sajd. Iż-żewġ approċċi jeħtieġu l-appoġġ u l-koperazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li mhux dejjem faċli li jinkiseb.

==> ftit suċċess, jeħtieġ li titkompla u tiġi żviluppata iktar u kkoordinata aħjar ma' aġenziji ta' għajjnuna nazzjonali

Meta wieħed jikkunsidra n-natura tas-sajd IUU u d-diversità ta' l-ġhodda li hija meħtieġa biex jiġi miġġieled, azzjoni effettiva mill-UE teħtieġ ħidma kkoordinata minn diversi naħat, li tinvolvi diversi Direttorati-Ġenerali – minn ta' l-inqas dak għas-Sajd (l-aspetti kollha tas-CFP), il-Kummerċ (li jirregola l-kummerċ internazzjonali tas-sajd IUU), l-Iżvilupp (appoġġ għall-koperazzjoni fl-iżvilupp għal ħidma ta' sorveljanza) u s-Sanco (responsabbli biex joħroġ permessi għall-importazzjoni tal-ħut) iżda oħrajn ukoll. Meta l-Kummissjoni kienet qed tiżviluppa l-pjan ta' azzjoni tagħha fl-2002 hija stabbiliet konsultazzjoni bejn is-servizzi iżda għal xi raġuni tħalliet tispiċċa.

Fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2007, il-Kummissjoni ħabbret li s-sajd IUU se jerġa' jsir prijorità għal darba oħra, u hija se tfejji kemm komunikazzjoni dwar is-sajd IUU u kemm proposta għal regolament tal-Kunsill li jiddefinixxi strateġija ġdida biex jiġi miġġieled is-sajd IUU. Dan l-interess mill-ġdid min-naħa tal-Kummissjoni jista' biss jintlaqa' b'sodisfazzjon, u dan ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi lill-Kummissjoni ideat u suġġerimenti konkreti dwar affarijiet li għandhom isiru.

4. X'għandha tagħmel l-UE - Pjan ta' Azzjoni 2007

Minbarra li tkompli u ssaħħaħ il-punti mill-2002, ir-rapporteur tiegħek tikkunsidra li dan li ġej għandu jkun inkluż fil-pjan ta' azzjoni l-ġdid li l-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuqu. Bħall-pjan ta' azzjoni oriġinali, ftit minn dawn il-punti jistgħu jiġu implimentati malajr, jekk l-UE ssib ir-rieda politika, filwaqt li oħrajn huma iktar objettivi għall-futur imbiegħed li jeħtieġu koperazzjoni minn atturi oħra fil-komunità internazzjonali.

Ħafna mill-proposti li ġejjin jippruvaw itejbu u f'xi każijiet jarmonizzaw il-qafas legali

eżistenti, kemm jekk ikun fil-livelli nazzjonali, Komunitarji jew internazzjonali, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba mill-iżvilupp tal-pjan tal-FAO. Iktar diskussjonijiet fil-FAO rriżultaw f' dokumenti iktar dettaljati mill-pjan oriġinali u diversi RFMOs adottaw miżuri biex jiġi miġġieled is-sajd IUU li, f'xi każijiet, kienu effettivi. Huwa essenzjali li jkun hemm koordinazzjoni f' dawn il-livelli kollha, inkella s-sajd IUU se jkompli jiehū vantaġġ mill-ibħra, is-swieq, il-bnadar, eċċ. l-inqas restrittivi.

Il-klima ekonomika u politika tad-dinja llum, bil-liberalizzazzjoni tagħha tas-suq u l-għan l-iktar importanti ta' moviment ħieles tal-prodotti u l-kapital, ikkontribwiet b' mod sinifikanti għal sitwazzjoni li tiffavorixxi s-sajd IUU u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tiegħu. Il-faċilità li qed tiżdied li biha l-kapital u l-ħut jista' jdur mad-dinja ma kenitx akkumpanjata minn mezzi suffiċjenti ta' kontroll, sabiex ikun verifikat li dak li jivvjaġġa b' mod liberu huwa wkoll legali. Per eżempju, meta l-pjanijiet tal-FAO jew ta' l-UE jkunu diskussi, jew meta RFMOs ikunu qed jikkunsidraw sanzjonijiet jew miżuri oħra, jittella' l-ispettru tad-WTO - id- "WTO chill factor". Wisq drabi, idea tajba titwaqqa' meta jkun ssuġġerit li tista' ma tkunx kompatibbli mar-regoli tad-WTO; din ġrat f' diskussjonijiet mal-Kummissjoni waqt il-preparazzjoni ta' dan ir-rapport. Iżda din hija skuża wisq sempliċi biex tkun evitata azzjoni - l-UE trid turi li hija konvinta minn dak li taħseb, billi tagħmel pressjoni b' mod qawwi għal kwalunkwe miżura li tkun neċessarja biex is-sajd IUU ma jitħalliex isir. Huwa diffiċli biex wieħed jara kif id-WTO tista' tiddefendi n-negozju tal-ħut maqbud illegalment.

Pass kruċjali huwa li l-Istati Membri jimplementaw bi sħiħ id-dispożizzjonijiet tas-CFP, minħabba li, kif il-Kummissjoni nnutat repetutamente, hemm problemi kbar ta' konformità. Il-każ tal-qorti u l-multa reċenti għal Franza wasslet għal titjib sinifikanti hemmhekk iżda sfortunatament, Stati Membri oħra ma tejbux il-konformità tagħhom.

It-traċċabilità tal-ħut hija essenzjali, mill-bastiment li jaqbad il-ħut u tul il-katina ta' kustodja sal-bejgħ finali, biex il-prodott IUU ma jitħalliex jidħol bil-moħbi u jkun ipproċessat biex ma jidhirx minn fejn ikun ġej. Ir-rapport Fraga nnota li l-ekottikkettar huwa għodda importanti fit-titjib tat-trasparenza.

Hemm diversi azzjonijiet interni li l-UE tista' tieħu immedjatament, mingħajr ma tistenna lill-komunità internazzjonali tiċċaqlaq.

1. Il-ksur serju li ġie miftiehem skond is-CFP (Reg. 1447/99) għandu jkollu penali minimi fl-Istati Membri kollha. Il-penali għandha tkun kbira biżżejjed biex tkun dissważiva, meta wieħed jikkunsidra l-valur għoli ta' ċerti speċijiet li jkunu fil-mira tas-sajd IUU.
2. Ir-regolamenti rilevanti tas-CFP (mill-inqas ir-regolament ta' kontroll - Reg. 2847/93 - u r-regolament dwar is-suq komuni - Reg. 104/2000) għandhom ikunu mmodifikati sabiex il-ħut kollu, ipproċessat u mhux ipproċessat, ikollu ċertifikat li jippermetti li jkun ittraċċat lura għall-oriġini tiegħu, inklużi l-post u d-data tal-qabda u l-identità tal-bastiment tas-sajd. Filwaqt li parti minn dan ir-rekwiżit jgħodd għall-ħut li ġej mill-UE, mhux komplet u jeħtieġ tisħiħ. Għandu jkun applikat ukoll għall-ħut li jidħol fl-UE, kemm jekk ikun fi tranżitu u kemm jekk ikun destinat għas-suq ta' l-UE (ara l-punt 8 hawn isfel).
3. Il-listi s-suwed kollha adottati minn RFMOs għandhom ikunu ppubblikati immedjatament mid-DĠ għas-Sajd fuq il-websajt tagħhom, inklużi l-ismijiet tas-sidien u l-operaturi

tagħhom, minħabba li tali aġir m'għandux ikun ppremjat bi kwalunkwe tip ta' kunfidenzjalità. Il-listi għandhom ikunu inkorporati wkoll fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità u l-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jidħlu fil-portijiet ta' l-UE biex iħottu l-ħut, biex jieħdu provvisti mill-ġdid jew għal kwalunkwe raġuni oħra ħlief għal emerġenza umanitarja. Fil-preżent, il-lista ta' l-NEAFC biss hija inkluża f'regolament, u emenda reċenti għar-Regolament tal-Kunsill 51/2006 ma tħallix lil dawn il-bastimenti jidħlu f'port ta' l-UE. Dan l-approċċ għandu jkun standardizzat għal-listi s-suwed kollha adottati mill-RFMOs kollha. Il-bastimenti ta' l-UE għandhom ikunu pprojbiti milli jagħtu servizz lil dawn il-bastimenti meta jkunu fil-baħar ukoll.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu iktar responsabilità għall-azzjonijiet taċ-ċittadini tagħhom, biex ma jħalluhomx iwettqu u jappoġġjaw is-sajd IUU. Is-CCAMLR din is-sena adottat miżura ġdida li tirrikjedi li l-pajjiżi jivverifikaw jekk kwalunkwe persuna naturali jew legali suġġetta għall-ġurisdizzjoni tagħhom ikunx qed iwettaq kwalunkwe attività IUU, u jekk ikun qed jagħmel hekk, biex jieħdu azzjoni xierqa. Jekk l-UE trid tagħmel dan taħt is-CCAMLR, huma għandhom jagħmluha bħala prinċipju ġenerali.
5. L-involviment ta' gruppi kriminali organizzati fis-sajd IUU għandu jkun investigat mill-Europol. Kif mistenni, minħabba l-valur għoli ta' ċerti speċijiet IUU, hemm indikazzjonijiet li hemm organizzazzjonijiet kriminali involuti.

Jistgħu jittieħdu azzjonijiet oħra mill-UE iżda jistgħu jirrikjedu ċertu ammont ta' koperazzjoni ma' pajjiżi oħra.

6. Il-bastimenti tas-sajd u l-bastimenti għat-trasport tal-ħut kollha li jidħlu f'port ta' l-UE, tkun xi tkun il-bandiera li jtajru, għandhom ikunu identifikabbli b'mod ċar skond l-ispeċifikazzjonijiet standard tal-FAO. Rapporti minn attivitajiet ta' sorveljanza juru li ħafna bastimenti huma identifikabbli waqt li jkunu qed jistadu. L-ispeċifikazzjonijiet tal-FAO ġew adottati f'ħafna RFMOs, allura l-UE għandha tagħmel l-istess.
7. Il-bastimenti tal-ħut u l-bastimenti għat-trasport tal-ħut kollha li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom abbord l-istess tagħmir ta' kontroll u sorveljanza li l-bastimenti ta' l-UE għandhom, inklużi VMS, ġurnali ta' abbord elettroniċi u oħrajn. Jekk il-bastimenti jkunu ġejjin minn reġjuni fejn jeżistu skemi ta' osservaturi, il-bastiment għandu jkollu abbord l-osservatur jew ir-rapporti ta' l-osservatur rilevanti, kif xieraq.
8. L-Istati Membri m'għandhomx iħallu bastiment li jtajjar il-bandiera tagħhom jitneħħa mir-reġistru nazzjonali sakemm sid il-vapur ikun jista' juri li mhux qed ikun trasferit għar-reġistru ta' pajjiż li jkun ġie identifikat minn RFMO bħala li jikkontribwixxi għas-sajd IUU. Filwaqt li trasferiment iktar tard għal bandiera ta' konvenjenza ma jstax ikun evitat mill-UE (għalkemm hemm il-possibilità li jista' jsir iktar taħt il-punt 1 tal-pjan ta' azzjoni ta' l-2002 jew taħt il-punt 4 propost hawn fuq) l-UE għandha tiegħu mill-inqas dan il-pass.
9. Il-listi tal-bastimenti li huma awtorizzati mid-DĠ Sanco biex jesportaw direttament lill-Komunità jeħtieġ li jkunu kkontrollati bir-reqqa ma' listi reġjonali jew nazzjonali ta' bastimenti IUU. Fil-preżent, id-DĠ Sanco ma jistabbilixxix il-lista ta' bastimenti ta'

esportazzjoni awtorizzati, u ftit mill-bastimenti awtorizzati mis-Sanco huma trasgressuri reċidivi magħrufa. Id-DĠ Sanco jeħtieġ l-awtorità biex ineħħi bastimenti bħal dawn.

10. Il-ħut kollu li se jinħatt f'port ta' l-UE jew li se jkun importat fl-UE jrid ikun akkumpanjat minn dokumenti b'dettall suffiċjenti biex juru li l-ħut huwa ta' oriġini legali. Għall-bastimenti tal-ħut li jħottu l-qabda tagħhom direttament, dan jinkludi l-awtorizzazzjonijiet kollha neċessarji biex jistadu fl-erja rilevanti, jew l-ilmijiet ta' pajjiżi terzi jew l-RFMO rilevanti. Għal bastimenti li jħottu l-ħut maqbud minn bastimenti oħra, tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ta' trażbord, barra ta' hawn fuq. Il-bastimenti kollha li ma jkunux fil-pussess ta' dawn id-dokumenti jkunu pprojbati milli jniżżlu kwalunkwe ħut jew milli jingħataw servizzi (fjuwil, provvisti, etc.).

Huwa ċar li l-mezzi biex jingħeleb il-fenomeni tas-sajd IUU huma t-traċċabilità, it-trasparenza u l-koperazzjoni fil-livelli kollha. Hija wkoll neċessarja ħafna iktar rieda politika milli kienet evidenti s'issa biex ikunu miġġielda l-interessi ekonomiċi li jibbenefikaw mis-sajd IUU.

PROĊEDURA

Titolu	L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' l-UE kontra s-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat		
Numru tal-proċedura	2006/2225 (INI)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir ta' l-awtorizzazzjoni fis-seduta plenarja	PECH 28.9.2006		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 28.9.2006	INTA 28.9.2006	DEVE 28.9.2006
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ENVI 3.10.2006	INTA 3.10.2006	DEVE 3.10.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja			
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Marie-Hélène Aubert 13.7.2006		
Rapporteur(s) preċedenti			
Eżami fil-kumitat	3.10.2006	20.12.2006	
Data ta' l-adozzjoni	25.1.2007		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ 24 - 0 0 1		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	James Hugh Allister, Stavros Arnaoutakis, Elspeth Attwooll, Marie-Hélène Aubert, Iles Braghetto, Niels Busk, Luis Manuel Capoulas Santos, David Casa, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Carmen Fraga Estévez, Ioannis Gklavakis, Pedro Guerreiro, Ian Hudghton, Heinz Kindermann, Albert Jan Maat, Rosa Miguélez Ramos, Philippe Morillon, Seán Ó Neachtain, Willi Piecyk, Dirk Sterckx, Catherine Stihler, Daniel Varela Suanzes-Carpegna		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Duarte Freitas, James Nicholson		
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Thomas Wise		
Data tat-tressiq	29.1.2007		
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)			